IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.12.2016
COM(2016) 788 final

2016/0393 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 fir-rigward tat-tipoloġiji territorjali (Tercet)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

MT MT

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Ir-raġunijiet għall-proposta u l-għanijiet tagħha

L-Eurostat jippubblika l-istatistika Ewropea f'bosta setturi tal-istatistika fil-livell reġjonali skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003[1] dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS). Din l-istatistika tintuża ferm fil-kuntest tal-politika reġjonali tal-UE u biex tiġi stabbilita l-eliġibbiltà tar-reġjuni skont il-fondi ta' koeżjoni. Matul dawn l-aħħar ftit snin, l-Eurostat wessa' l-firxa tal-istatistika ppubblikata għal għadd ta' tipoloġiji territorjali biex jindirizza l-bżonn dejjem jikber li dawk li jfasslu l-politika tal-UE jkollhom għal din it-tip ta' dejta fil-kuntest tal-politiki ta' koeżjoni u ta' żvilupp territorjali. Il-Kummissjoni ddefinixxiet dawn it-tipoloġiji territorjali b'kooperazzjoni mal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) u adottat metodoloġiji biex jistabbilixxuhom u jżommuhom. Minkejja li diġà qed jintużaw, ir-Regolament NUTS s'issa għadu ma jinkludix jew jiddefinixxi b'mod legali dawn it-tipoloġiji territorjali li jiddeterminaw żoni urbani, rurali, kostali u/jew żoni oħra u r-reġjuni tal-UE. Il-fatt li dawn it-tipoloġiji u l-metodoloġiji tagħhom mhumiex rikonoxxuti legalment u formalment mis-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS), hija kwistjoni li hemm bżonn li tiġi ndirizzata sabiex jiġu stabbiliti bħala tipoloġiji tal-istatistika rikonoxxuti, imparzjali u trasparenti.

L-għanijiet ta' politika prinċipali ta' din l-inizjattiva huma li:

1. Tistabbilixxi r-rikonoxximent legali tat-tipoloġiji territorjali, inkluża d-definizzjoni tal-bliet, għall-fini tal-istatistika Ewropea

Regolament li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 se jintegra t-tipoloġiji territorjali fir-Regolament NUTS attwali. Dan se jippermetti li r-regolamenti tal-istatistika tematiċi u l-inizjattivi ta' politika jibdew jirreferu għal dawn it-tipoloġiji territorjali għall-finijiet tal-ġbir tal-istatistika Ewropea u/jew biex jimmiraw lejn territorji speċifiċi bħal bliet, żoni urbani, rurali jew kostali u reġjuni fit-tfassil tal-politika. Għalhekk l-inizjattiva se tkopri t-tipoloġiji territorjali eżistenti bbażati fil-livell NUTS 3 (eż. it-tipoloġija urbana-rurali, ir-reġjuni metropolitani), l-unitajiet amministrattivi lokali (eż. il-grad ta' urbanizzazzjoni, il-bliet, iż-żoni kostali) u grilja ta' kilometru (1)² sal-livell meħtieġ għall-kalkolu ta' tipoloġiji oħra, li huma bbażati fuq id-distribuzzjoni tal-popolazzjoni u d-densità taċ-ċelloli ta' grilja.

2. Tistabbilixxi definizzjonijiet u kriterji ewlenin tal-istatistika għat-tipoloġiji territorjali differenti

Sabiex tinħoloq trasparenza metodoloġika u tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà tat-tipoloġiji territorjali maż-żmien, id-definizzjonijiet u l-kriterji ewlenin għall-ħolqien u l-aġġornament tat-tipoloġiji jinħtieġ li jiġu speċifikati fir-Regolament u fid-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tiegħu. Għal dan il-għan, l-inizjattiva se tagħmel użu mill-metodoloġiji li diġà jeżistu għat-tipoloġiji differenti.

3. Ikunu żgurati l-applikazzjoni u l-użu trasparenti u armonizzat tat-tipoloġiji territorjali fil-livell tal-UE u fl-Istati Membri

L-inizjattiva għandha l-għan li ttejjeb il-komparabbiltà u l-istabbiltà ta' dawn it-tipoloġiji. Dan se jkollu impatt pożittiv fuq il-kumpilazzjoni u t-tixrid tal-istatistika reġjonali Ewropea.

---

[1] Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

4. Fil-kuntest tal-allinjament tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 mar-regoli l-ġodda tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), is-setgħat li jingħataw attwalment lill-Kummissjoni permezz ta' dak ir-Regolament biex tadotta atti mfassla għall-emendar ta' elementi mhux essenzjali tar-Regolament, billi jissupplimentawh, skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju, jenħtieġ li jingħataw permezz tas-setgħat għall-adozzjoni ta' atti delegati.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta tista' tinkorpora tipoloġiji fir-Regolament NUTS li huma marbutin ma' diversi oqsma tal-istatistika, bħal kontijiet reġjonali, is-suq tax-xogħol, l-iżvilupp rurali, l-agrikoltura, it-turiżmu, il-politika marittima u aktar. Dan jippermetti l-aggregazzjoni tad-dejta skont tipoloġiji ċari: pereżempju se jkun possibbli li jsir paragun tal-PDG fiż-żoni rurali meta mqabbel maż-żoni urbani, tal-iljieli turistiċi mqattgħin f'żoni kostali meta mqabbel ma' żoni mhux kostali u tal-impjiegi/tal-qgħad fir-reġjuni skont il-grad ta' urbanizzazzjoni u ħafna aktar.

Kunċetti bħall-grad ta' urbanizzazzjoni jistgħu jintużaw ukoll biex jipprovdu d-dejta lin-NU dwar iż-żoni urbani u rurali.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

It-tipoloġiji territorjali għandhom impatt kbir fuq il-politiki reġjonali skont l-għanijiet globali tal-Inizjattiva tal-Ewropa 2020[2]. Pereżempju, il-politika ta' koeżjoni tal-UE timmira li tnaqqas id-differenzi bejn ir-reġjuni tal-UE u biex li tippromwovi t-tkabbir, l-impjiegi u l-iżvilupp sostenibbli fir-reġjuni u fiż-żoni żvantaġġati. Matul l-aħħar ftit snin, kien hemm enfasi ikbar fuq interventi ta' politika bbażati fuq l-evidenza u approċċi territorjali aktar integrati li jirriflettu d-diversità tar-reġjuni tal-UE, pereżempju f'termini ta' impjiegi, demografija, faqar, edukazzjoni jew attività ekonomika. L-analiżijiet tal-politiki reġjonali jenfasizzaw il-ħtieġa li ssir investigazzjoni dwar id-differenzi sinifikanti bejn iż-żoni urbani u rurali, li mhumiex uniformi fl-Istati Membri kollha (ara, pereżempju, is-Sitt rapport dwar il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali[3]). Il-politika ta' koeżjoni 2014-2020 tenfasizza l-istrateġiji ta' żvilupp territorjali li jiffukaw fuq iż-żoni urbani u rurali, iżda anke dawk kostali. Il-prinċipji tal-Politika ta' Koeżjoni 2014-2020 stabbiliti fil-Qafas Strateġiku Komuni[4] jenfasizzaw li l-approċċi għall-promozzjoni ta' tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv iridu jirriflett r-rwol tal-bliet u taż-żoni urbani, dawk rurali u kostali u jikkunsidraw ukoll ir-rabtiet bejn iż-żoni urbani u dawk rurali. Il-grad tat-tipoloġija tal-urbanizzazzjoni reċentement intuża fir-Regolament (UE) Nru 522/2014[5] biex tiġi stabbilita l-eliġibbiltà għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali biex jitwettqu azzjonijiet innovattivi fil-bliet jew l-irħula u s-subborgi.

2. IL-BAŻI ĠURIDIKA, IS-SUSSIDJARJETÀ U L-PROPORZJONALITÀ

- **Il-bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għall-istatistika Ewropea tinsab fl-Artikolu 338 tat-TFUE. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, jadottaw

---

[2] http://ec.europa.eu/europe2020/index_mt.htm.

[3] http://ec.europa.eu/regional_policy/en/information/publications/reports/2014/6th-report-on-economic-social-and-territorial-cohesion.

[4] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 320.

[5] ĠU L 148, 20.5.2014, p. 1.

miżuri għall-produzzjoni tal-istatistika, meta dan ikun meħtieġ biex l-Unjoni tkun tista' twettaq ir-rwol tagħha.

- **Is-sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà japplika sakemm il-proposta ma taqax taħt il-kompetenza esklużiva tal-UE. Jekk l-Istati Membri jaġixxu b'mod indipendenti, l-għanijiet tal-azzjoni proposta, jiġifieri l-introduzzjoni tal-komponenti meħtieġa fir-rigward tat-tipoloġiji territorjali, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti. L-azzjoni tista' tittieħed b'mod aktar effiċjenti fil-livell tal-UE, abbażi ta' att legali tal-UE, li jistabbilixxi, jikkoordina u jżomm il-klassifikazzjonijiet tal-istatistika armonizzati, inklużi t-tipoloġiji territorjali għall-finijiet tal-istatistika fil-livell tal-UE.

- **Il-proporzjonalità**

L-inizjattiva tipproponi li r-Regolament NUTS attwali ma jiġix emendat aktar milli hemm bżonn. Minħabba l-ħtieġa għal rikonoxximent formali tat-tipoloġiji territorjali għall-istatistika u għat-tfassil tal-politika, l-għan huwa li jiġi emendat ir-Regolament NUTS biex jiġu inkorporati t-tipoloġiji territorjali fil-qafas legali mingħajr ma jiġu mmodifikati l-prinċipji fundamentali jew l-istruttura u d-definizzjonijiet tar-reġjuni NUTS, li huma aċċettati u ppruvati sew u li qatt ma ġew ikkontestati.

Huwa meqjus li din l-għażla hija l-aktar approċċ ibbilanċjat li jirrikonċilja l-bżonn li tittieħed azzjoni mal-intenzjoni li jiġi limitat il-kamp ta' applikazzjoni tal-inizjattiva għall-minimu meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet. Billi din hija kodifikazzjoni legali tat-tipoloġiji eżistenti u tal-komponenti tagħhom u l-Kummissjoni (Eurostat) se timmaniġġja l-assenjazzjoni tat-tipoloġiji, dan jinvolvi biss spejjeż addizzjonali negliġibbli għal istituti nazzjonali tal-istatistika u l-ebda spiża għan-negozji jew iċ-ċittadini.

- **L-għażla tal-istrument**

L-istrument li qed jiġi propost: regolament.

B'kunsiderazzjoni għall-għanijiet u l-kontenut tal-proposta u l-fatt li din hija proposta li temenda Regolament eżistenti, regolament huwa l-aktar strument adattat.

3. IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST,* TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **L-evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Il-leġiżlazzjoni eżistenti s'issa għadha ma tinkludix it-tipoloġiji, u għalhekk huwa diffiċli ħafna li jiġu stabbiliti u żgurati kundizzjonijiet uniformi għal applikazzjoni armonizzata.

- **Il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-partijiet ikkonċernati affettwati minn din il-proposta prinċipalment huma l-uffiċċji nazzjonali tal-istatistika tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni (Eurostat) involviet l-esperti tagħha mill-bidu nett u straħet immens fuq ir-reazzjonijiet u l-għarfien espert tagħhom waqt l-abbozzar tal-proposta.

Billi huwa l-utent prinċipali tal-politika tad-dejta reġjonali, id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni għall-Politika Reġjonali u Urbana (id-DĠ REGIO) ġie kkonsultat diversi drabi u pprovda wkoll reazzjonijiet siewja.

Fid-dawl tan-natura teknika ta' din il-proposta, ġie meqjus li ma kienx hemm bżonn li jiġu involuti korpi oħra.

- **Il-ġbir u l-użu tal-għarfien espert**

Il-kunċetti tat-tipoloġiji ġew żviluppati b'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Eurostat, mad-DĠ REGIO u maċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, li taw kontribut tekniku ewlieni, u l-OECD, billi ngabru flimkien għadd ta' kunċetti li kienu diġà jeżistu u l-metodoloġiji differenti tagħhom.

L-OECD tuża tipoloġiji armonizzati għall-finijiet tal-istatistika u dawk analitiċi wkoll.

- **Il-valutazzjoni tal-impatt**

Ma twettqet l-ebda valutazzjoni tal-impatt minħabba li l-proposta ma għandhiex konsegwenzi ekonomiċi, soċjali u ambjentali sinifikanti u ma timponi ebda piż addizzjonali fuq in-negozji jew iċ-ċittadini. L-inizjattiva għandha l-għan ewlieni li tikkumplimenta r-Regolament NUTS attwali bl-elementi meħtieġa biex jiġu kkunsidrati l-iżviluppi reċenti fil-klassifikazzjonijiet territorjali għall-finijiet tal-istatistika.

- **L-idoneità regolatorja u s-simplifikazzjoni**

B'riżultat tal-kodifikazzjoni tat-tipoloġiji territorjali fir-Regolament NUTS mhux se jkun hemm bżonn li dawn it-tipoloġiji jiġu ddefiniti jew spjegati f'atti speċifiċi legali oħra, pereżempju atti relatati mal-bliet jew l-iżvilupp rurali. Dan jissimplifika u jarmonizza l-leġiżlazzjoni relatata mal-iżvilupp urban u rurali u mal-politika marittima.

- **Id-drittijiet fundamentali**

Din il-proposta ma taffettwax id-drittijiet fundamentali.

4. L-IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-proposta ma għandhiex implikazzjonijiet fuq il-baġit tal-UE.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Il-pjanijiet tal-implimentazzjoni u l-arranġamenti tal-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Billi, minkejja li mhumiex legalment rikonoxxuti, it-tipoloġiji diġà qed jintużaw, m'hemmx pjanijiet li jiġu mfassla xi pjanijiet ta' implimentazzjoni jew xi dispożizzjonijiet ta' monitoraġġ partikolari. Fil-prinċipju, il-proċedura li tistabbilixxi u tippubblika t-tipoloġiji hija din li ġejja.

Il-Kummissjoni (Eurostat) tagħmel il-kalkoli meħtieġa biex jiġu assenjati t-tipoloġiji meta ssir disponibbli dejta ġdida dwar id-distribuzzjoni u d-densità tal-popolazzjoni fiċ-ċelloli ta' grilja. Dan huwa normalment il-każ wara ċensiment. Kull sena jistgħu jsiru għall-Istati Membri kkonċernati, aġġornamenti iżgħar biex jinqabdu l-bidliet fl-istruttura lokali jew reġjonali tal-Istati Membri.

Wara li l-Kummissjoni (Eurostat) tkun wettqet dawn il-kalkoli inizjali, taqsam ir-riżultati mal-Istati Membri. Huma jkunu jistgħu jivverifikawhom jew jimmodifikawhom abbażi taċ-ċirkostanzi ġeografiċi partikolari, pereżempju.

Wara li taqbel dwar ir-riżultati mal-Istati Membri, il-Kummissjoni (Eurostat) tippubblikahom fuq siti web apposta.

Jinħtieġ li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet uniformi biex it-tipoloġiji jkunu armonizzati. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tagħmel dan għall-implimentazzjoni tat-tipoloġiji permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

- **L-ispjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Peress li l-proposta ma tbiddilx is-sustanza ġeneralment aċċettata u ppruvata sew tar-Regolament NUTS, hija temenda dak li hemm bżonn biss biex tilħaq l-għanijiet tagħha.

Qed jiġu proposti l-emendar jew is-sostituzzjoni ta'wħud mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003 għar-raġunijiet li ġejjin.

- L-Artikolu 1

L-Artikolu 1 il-ġdid iwessa' s-suġġett tar-Regolament NUTS biż-żieda tat-tipoloġiji territorjali u l-grilji tal-istatistika meħtieġa biex jikkalkolawhom abbażi tad-distribuzzjoni tal-popolazzjoni u d-densità taċ-ċelluli ta' grilja individwali. Tiċċara wkoll ir-rwol u t-tikkettar tal-unitajiet amministrattivi lokali (local administrative units - LAU) minħabba li t-tikkettar tagħhom huwa inkonsistenti fir-Regolament NUTS attwali (bħal "komponenti tal-NUTS" u "unitajiet amministrattivi iżgħar").

- L-Artikolu 2

Fl-Artikolu 2, jitħassar il-paragrafu 5. Dan jirreferi għal komunikazzjoni li kellha ssir sal-2005, sentejn wara li daħal fis-seħħ ir-Regolament NUTS oriġinali fl-2003. U għalhekk huwa obsolet.

- L-Artikolu 3

Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 4 qed jiġi adattat għal proċeduri istituzzjonali l-ġodda introdotti bit-Trattat ta' Lisbona (bil-bidla mill-proċedura regolatorja bi skrutinju għall-atti delegati).

Fil-paragrafu 5, l-aħħar sentenza titħassar peress li l-attribuzzjoni tas-setgħa lill-Kummissjoni f'dak ir-rigward m'għadhiex aktar rilevanti.

- L-Artikolu 4

L-Artikolu 4 jistabbilixxi l-LAU. Id-dispożizzjonijiet dwar ir-rekwiżiti tat-trażmissjoni qed jiġu iċċarati u ssimplifikati wkoll. Dawn qabel ma kinux qed jinftehmu b'mod koerenti.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati ħalli tkun tista' tadatta l-lista tal-LAU fl-Anness III tar-Regolament NUTS.

- L-Artikolu 4a

Qed jiżdied l-Artikolu 4a biex jiġu introdotti l-grilji tal-istatistika li l-Kummissjoni (Eurostat) se żżomm u tippubblika, bħala bażi għall-kalkolu tat-tipoloġiji territorjali għar-reġjuni u għaż-żoni.

- L-Artikolu 4b

L-Artikolu 4b il-ġdid jintroduċi t-tipoloġiji nfushom u jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni armonizzata tagħhom.

- L-Artikolu 5

Fl-Artikolu 5 il-ġdid, il-kliem u l-frażijiet ġew iċċarati u ssimplifikati. Il-Kummissjoni qed tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati biex tadatta l-klassifikazzjoni NUTS fl-Anness I tar-Regolament NUTS.

- L-Artikoli 7 u 7a

L-Artikolu 7 huwa aġġornat biex jirreferi għall-kumitat kompetenti li jassisti lill-Kummissjoni meta tadotta atti ta' implimentazzjoni, filwaqt li l-Artikolu 7a il-ġdid jirrigwarda l-eżerċizzju ta' delega b'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.

- L-Artikolu 8

L-Artikolu 8 jitħassar. Dan kien jistipula rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament NUTS li kellu jsir sal-2006, tliet snin wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament NUTS l-oriġinali fl-2003. U għalhekk huwa obsolet.

2016/0393 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 fir-rigward tat-tipoloġiji territorjali (Tercet)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 338(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv ġie trażmess lill-Parlamenti Nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[(1)],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[(2)],

Waqt li aġixxew skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[(3)] tas-26 ta' Mejju 2003 jistabbilixxi klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (In-nomenklatura tal-unitajiet territorjali għall-istatistika NUTS) sabiex ikunu jistgħu jsiru l-ġbir, il-kumpilazzjoni u t-tixrid tal-istatistika reġjonali armonizzata fl-UE.

(2) Biex tfassal politika mmirata aħjar, il-Kummissjoni, b'kollaborazzjoni mal-OECD, iddefinixxiet għadd ta' tipoloġiji territorjali biex tikklassifika l-unitajiet tal-istatistika stabbiliti skont ir-Regolament NUTS.

(3) Is-Sistema Ewropea tal-Istatistika (ESS) diġà tuża dawk it-tipoloġiji, b'mod partikolari l-grad ta' urbanizzazzjoni, inkluż id-definizzjoni tal-bliet sabiex, pereżempju, tiġi stabbilita l-eliġibbiltà għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali biex jitwettqu l-azzjonijiet innovattivi fil-bliet jew fl-irħula u fis-subborgi[(4)].

(4) Il-kodifikazzjoni tat-tipoloġiji hija meħtieġa sabiex jiġu stabbiliti definizzjonijiet u kundizzjonijiet li mhumiex ambigwi għat-tipi territorjali b'mod li jiggarantixxi applikazzjoni armonizzata, trasparenti u stabbli tat-tipoloġiji Dan għandu jkun ta' appoġġ għall-kumpilazzjoni u t-tixrid tal-istatistika Ewropea.

1 ĠU C , , p. .
2 ĠU C , , p. .
3 Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1.).
4 ĠU L 148, 20.5.2014, p. 1.

(5) Se tiġi applikata sistema ta’ grilji tal-istatistika biex jiġu kkalkolati u attribwiti t-tipi territorjali għar-reġjuni u ż-żoni inkwistjoni, peress li dawn jiddependu fuq id-distribuzzjoni u d-densità tal-popolazzjoni fil-ċelluli ta’ grilja b’daqs ta’ kilometru kwadru.

(6) Għadd ta’ aspetti minuri tal-unitajiet amministrattivi lokali (LAU) jinħtieġ li jiġu ċċarati wkoll biex tiġi ssimplifikata t-terminoloġija u l-mekkaniżmu tat-twassil tal-listi tal-LAU mill-Istati Membri lill-Kummissjoni (Eurostat).

(7) Sabiex tadatta għall-iżviluppi korrispondenti fl-Istati Membri, jinħtieġ li s-setgħa li jiġu adottati l-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar tal-klassifikazzjoni NUTS fl-Anness I, tal-lista tal-unitajiet amministrattivi eżistenti fl-Anness II u l-lista tal-unitajiet amministrattivi lokali fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 1059/2003. Hija ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu skont il-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[5]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess b'mod sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(8) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta’ dan ir-Regolament, is-setgħat ta’ implimentazzjoni jinħtieġ li jingħataw lill-Kummissjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tat-tipoloġiji territorjali u s-serje taż-żmien li l-Istati Membri għandhom jagħtu lill-Kummissjoni f’każ ta’ emendi fil-klassifikazzjoni NUTS. Dawk is-setgħat jinħtieġ li jiġu eżerċitati b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6].

(9) Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 huwa emendat kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Suġġett

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), biex ikunu jistgħu jsiru l-ġbir, il-kumpilazzjoni u t-tixrid ta’ statistika armonizzata fil-livelli territorjali differenti tal-UE.

2. Il-klassifikazzjoni NUTS hija stabbilita fl-Anness I.

3. L-unitajiet amministrattivi lokali (LAU), kif imsemmi fl-Artikolu 4, għandhom jikkumplimentaw il-klassifikazzjoni NUTS.

---

5 ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1.

6 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta’ implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

4. Il-grilji tal-istatistika, kif imsemmi fl-Artikolu 4a, għandhom jikkumplimentaw il-klassifikazzjoni NUTS. Dawn għandhom jintużaw sabiex jiġu kkalkulati tipoloġiji territorjali bbażati fuq il-popolazzjoni.

5. It-tipoloġiji territorjali tal-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 4b, għandhom jikkumplimentaw il-klassifikazzjoni NUTS billi jattribwixxu tipi għall-unitajiet territorjali.";

(2) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 5 jitħassar;

(3) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. L-unitajiet amministrattivi eżistenti li jintużaw għall-klassifikazzjoni NUTS huma stabbiliti fl-Anness II. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 7a biex tadatta l-Anness II abbażi tal-iżviluppi korrispondenti fl-Istati Membri.";

(b) fil-paragrafu 5, it-tielet subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Xi unitajiet mhux amministrattivi jistgħu madankollu jiddevjaw minn dawn l-egħtiebi minħabba ċirkostanzi ġeografiċi, soċjoekonomiċi, storiċi, kulturali jew ambjentali partikolari, speċjalment fil-gżejjer u fir-reġjuni mbiegħda.";

(4) L-Artikolu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 4

Unitajiet amministrattivi lokali

1. F'kull Stat Membru, l-unitajiet amministrattivi lokali (LAU) għandhom jissuddividu l-livell NUTS 3 f'wieħed jew żewġ livelli ulterjuri ta' unitajiet territorjali. Mill-inqas wieħed mil-livelli tal-LAU għandu jkun unità amministrattiva skont id-definizzjoni mogħtija fl-Artikolu 3(1) u kif inhuwa stabbilit fl-Anness III. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 7a biex tadatta l-lista tal-LAU fl-Anness III abbażi tal-iżviluppi korrispondenti fl-Istati Membri.

2. Fl-ewwel sitt xhur ta' kull sena u b'referenza għall-31 ta' Diċembru tas-sena preċedenti, l-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni (Eurostat) il-lista tal-LAU bit-tibdil kollu indikat u bir-reġjun NUTS 3 li jappartjeni għalih. Meta jagħmlu dan għandhom isegwu l-format tad-dejta elettronika mitlub mill-Kummissjoni (Eurostat).

3. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tippubblika l-lista tal-LAU fit-taqsima apposta tas-sit web tagħha sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena."

(5) jiżdiedu l-Artikoli 4a u 4b li ġejjin:

"*Artikolu 4 a*

Grilji tal-Istatistika

Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha żżomm u tippubblika sistema ta' grilji tal-istatistika fil-livell tal-Unjoni fit-taqsima apposta tas-sit web tagħha. Il-grilji tal-

istatistika għandhom jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1089/2010[7].

Artikolu 4b

Tipoloġiji territorjali tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha żżomm u tippubblika fit-taqsima apposta tas-sit web tagħha tipoloġiji tal-Unjoni ffurmati minn unitajiet territorjali fil-livelli NUTS, LAU u taċ-ċelluli ta' grilja.

2. It-tipoloġija bbażata fuq il-grilja għandha tiġi stabbilita fil-livell tar-riżoluzzjoni tal-grilja ta' kilometru $(1)^2$ kif ġej:

– "ċentri urbani",

– "raggruppamenti urbani",

– "ċelluli ta' grilja rurali".

3. It-tipoloġiji li ġejjin għandhom ikunu stabbiliti fil-livell tal-LAU:

(a) il-grad ta' urbanizzazzjoni (DEGURBA):

– "Żoni urbani":

  – "Bliet" jew "Żoni b'densità għolja ta' popolazzjoni",

  – "Bliet żgħar u subborgi" jew "Żoni b'densità intermedja ta' popolazzjoni",

– "Żoni rurali" jew "Żoni b'popolazzjoni baxxa";

(b) żoni urbani funzjonali:

– "Bliet" flimkien maż-"Żoni għall-ivvjaġġar" tagħhom;

(c) żoni kostali:

– "Żoni kostali",

– "Żoni mhux kostali".

Jekk ikun hemm aktar minn livell amministrattiv wieħed tal-LAU fi Stat Membru, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tikkonsulta ma' dak l-Istat Membru biex jiġi stabbilit il-livell amministrattiv tal-LAU li għandu jintuża għall-attribuzzjoni tat-tipoloġiji.

4. It-tipoloġiji u t-tikketti li ġejjin għandhom jiġu stabbiliti fil-livell NUTS 3.

a) tipoloġija urbana-rurali:

– "Reġjuni fil-biċċa l-kbira urbani",

– "Reġjuni intermedji",

– "Reġjuni fil-biċċa l-kbira rurali";

b) tipoloġija metropolitana:

---

[7] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1089/2010 tat-23 ta' Novembru 2010 li jimplimenta d-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-interoperabbiltà tas-settijiet ta' dejta u servizzi ġeografiċi (ĠU L 323, 8.12.2010, p. 11).

– “Reġjuni metropolitani”,

– “Reġjuni mhux metropolitani”;

c) tipoloġija kostali:

– “Reġjuni kostali”

– “Reġjuni mhux kostali”.

5. Permezz ta’ atti ta’ implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi kundizzjonijiet uniformi għall-applikazzjoni armonizzata tat-tipoloġiji fl-Istati Membri kollha u fil-livell tal-Unjoni. Dawk l-atti ta’ implimentazzjoni għandhom jiġu adottati b’konformità mal-proċedura ta’ eżami msemmija fl-Artikolu 7.”:

(6) L-Artikolu 5 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

“4. L-emendi tal-klassifikazzjoni NUTS għandhom jiġu adottati fl-aħħar sitt xhur tas-sena kalendarja, mhux aktar tard minn kull tliet snin, abbażi tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3. Madankollu, jekk ikun hemm riorganizzazzjoni sostanzjali tal-istruttura amministrattiva rilevanti ta’ Stat Membru, l-emendi għall-klassifikazzjoni NUTS jistgħu jiġu adottati f’intervalli iqsar.

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 7a sabiex tadatta l-klassifikazzjoni NUTS fl-Anness I abbażi tal-iżviluppi korrispondenti fl-Istati Membri. Id-dejta reġjonali li l-Istati Membri jibagħtu lill-Kummissjoni (Eurostat) għandha tkun ibbażata fuq l-emenda fil-klassifikazzjoni NUTS li tibda tiskorri mill-1 ta’ Jannar tat-tieni sena wara l-adozzjoni tal-att delegat imsemmi fl-ewwel subparagrafu.”;

(b) il-paragrafu 5 jinbidel b'dan li ġej:

“5. Meta ssir emenda fil-klassifikazzjoni NUTS, l-Istat Membru kkonċernat għandu jittrażmetti lill-Kummissjoni (Eurostat) is-serje taż-żmien għat-tqassim reġjonali l-ġdid, biex tiġi sostitwita d-dejta li tkun diġà ġiet trażmessa.

Il-Kummissjoni għandha, permezz tal-atti ta’ implimentazzjoni, tistabbilixxi kundizzjonijiet uniformi għas-serje taż-żmien u t-tul tagħha, filwaqt li tqis kemm huwa verament possibbli li tiġi trażmessa. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 7.

Is-serje taż-żmien għandha tingħata sal-1 ta’ Jannar tar-raba’ sena wara l-adozzjoni ta’ att delegat kif imsemmi fil-paragrafu 4.”;

(7) L-Artikolu 7 jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 7

Komitoloġija

1. Il-Kummissjoni se tkun assistita mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament 182/2011.”;

(8) jiżdied l-Artikolu 7a li ġej:

“*Artikolu 7a*

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati tingħata lill-Kummissjoni soġġetta għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li jiġu adottati l-atti delegati msemmija fl-Artikolu 3(4), fl-Artikolu 4(1) u fl-Artikolu 5(4) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn [*Publications Office: please insert exact date of entry into force of this Regulation*].

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 3(4), fl-Artikolu 4(1) u fl-Artikolu 5(4) tista' tiġi revokata f'kull ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Id-deċiżjoni tar-revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. M'għandhiex taffettwa l-validità tal-ebda att delegat li huwa diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta mal-esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah b'mod simultanju lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 3(4), l-Artikolu 4(1) u l-Artikolu 5(4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun saret l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.";

(9) L-Artikolu 8 jitħassar.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*